REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1772

tat-12 ta' Settembru 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 fir-rigward tar-regoli operattivi relatati mal-użu tas-sistemi u l-kostitwenti tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1033/2006

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 u l-Artikolu 44(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 140(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139, ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati abbażi tar-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li tħassar għandhom jiġu adattati għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1139, sa mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2023.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-proċeduri għall-pjanijiet tat-titjira fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ([4]) jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tar-rekwiżiti għall-użu tat-tagħmir tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ATM/ANS") fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 jiġi emendat biex jinkludi r-rekwiżiti rilevanti għall-pjanijiet tat-titjira li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 1033/2006, li qed jitħassar permezz ta' dan ir-Regolament.

(5) Peress li l-Maniġer tan-Network huwa fdat bil-kompiti tal-ipproċessar tal-pjanijiet tat-titjira fil-fażi ta' qabel it-titjira, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 japplika wkoll għall-Maniġer tan-Network.

(6) Huwa essenzjali li meta jissottomettu l-pjanijiet tat-titjira, l-utenti kollha jaderixxu mal-manwali tal-operazzjonijiet żviluppati u miżmuma mill-Maniġer tan-Network.

(7) Il-pjanijiet tat-titjira ripetittivi (RPL) m'għadhomx applikabbli fir-reġjun EUR, għalhekk jenħtieġ li titneħħa kwalunkwe referenza għall-RPL.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (Ir-Regolament ta' interoperabilità) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 tal-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-proċeduri għall-pjanijiet tat-titjira fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 186, 7.7.2006, p. 46).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).

(8) Ir-rekwiżiti relatati mal-proċeduri għall-pjanijiet tat-titjira fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-Ajru Uniku Ewropew li huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 ma japplikawx għas-servizzi pprovduti fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew barra mir-reġjun Ewropew (EUR) tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) kif definit fil-Volum I tal-Pjan tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Dok 7754) tal-ICAO minħabba l-volum tat-traffiku lokali baxx u s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom mal-fruntieri tal-ispazju tal-ajru li l-ispazju tal-ajru tagħhom jaqa' kollu taħt ir-responsabbiltà tal-forniturі tal-ATM/ANS ta' pajjiż terz u dan jiġġustifika arranġamenti ta' koordinazzjoni lokali differenti mal-Istati mhux tal-UE tal-madwar.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1033/2006 jitħassar u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(10) Ir-rekwiżiti emendati stabbiliti f'dan ir-Regolament qiesu b'mod xieraq il-kontenut tal-Pjan Regolatorju tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni, navigazzjoni u sorveljanza li jinsabu fih.

(11) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea pproponiet miżuri fl-Opinjoni Nru 01/2023 ([5]) tagħha f'konformità mal-Artikolu 75(2), il-punti (b) u (c), u mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit f'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għall-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, għall-Maniġer tan-Network, għall-operaturi tal-ajrudromi u għall-persunal ta' fuq l-art involut fl-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 19a li ġej:

"19a. 'identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru' tfisser grupp ta' ittri, ċifri jew taħlita ta' dawn li tkun identika għas-sinjal tas-sejħa tal-inġenju tal-ajru, jew l-ekwivalenti kodifikat ta' dan, li għandu jintuża fil-komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art, u li jintuża għall-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru f'komunikazzjonijiet għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru mill-art għall-art;

(b) jiddaħħal il-punt 69a li ġej:

"69a. 'data stmata tat-tluq' tfisser id-data stmata meta l-inġenju tal-ajru se jibda l-moviment assoċjat mat-tluq;";

(c) jiddaħħal il-punt 89b li ġej:

"89b. 'Sistema Integrata għall-Ipproċessar tal-Pjan Inizjali tat-Titjira (IFPS)' tfisser sistema fin-Network Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru li biha jingħata servizz ċentralizzat ta' proċessar u distribuzzjoni tal-pjanijiet tat-titjira, li jieħu ħsieb ir-riċeviment, il-validazzjoni u d-distribuzzjoni tal-pjanijiet tat-titjira, fl-ispazju tal-ajru kopert li dan ir-Regolament japplika għalih;";

(d) jiddaħħal il-punt 96a li ġej:

"96a. 'Maniġer tan-Network (NM)' tfisser il-korp fdat bil-kompiti meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 551/2004;";

(e) jiddaħħal il-punt 97a li ġej:

"97a. 'NOTAM' tfisser avviż imqassam permezz tat-telekomunikazzjoni li jkun fih informazzjoni dwar l-istabbiliment, il-kundizzjoni jew it-tibdil fi kwalunkwe faċilità, servizz, proċedura jew periklu ajrunawtiċi, li l-għarfien dwaru fiż-żmien opportun huwa essenzjali għall-persunal relatat mal-operazzjonijiet tat-titjir;

([5]) https://www.easa.europa.eu/document-library/opinions

(f) jiddaħħal il-punt 99a li ġej:

"99a. 'oriġinatur tal-pjan tat-titjira' tfisser persuna jew organizzazzjoni li tissottometti l-pjanijiet tat-titjira u kwalunkwe messaġġ ta' aġġornament assoċjat mas-Sistema Integrata tal-Ipproċessar tal-Pjan Inizjali tat-Titjira (IFPS), inkluż il-bdoti, l-operaturi u l-aġenti li jaġixxu f'isimhom, u l-unitajiet tal-ATS;";

(g) jiddaħħal il-punt 100a li ġej:

"100a. 'fażi ta' qabel it-titjira' tfisser il-perjodu mill-ewwel sottomissjoni tal-pjan tat-titjira sa ma tasal l-ewwel approvazzjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru;

(3) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 1033/2006 jitħassar.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt SERA.2001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**SERA.2001 Suġġett**

Mingħajr preġudizzju għall-punt SERA.1001, dan l-Anness japplika għall-utenti tal-ispazju tal-ajru u għall-inġenji tal-ajru:

(a) li joperaw lejn l-Unjoni, fiha jew 'il barra minnha;

(b) li għandhom in-nazzjonalità u l-marki ta' reġistrazzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni, u li joperaw fi kwalunkwe spazju tal-ajru sakemm ma jkunux f'kunflitt mar-regoli ppubblikati mill-Istat li jkollu ġurisdizzjoni fuq it-territorju li jtiru minn fuqu."

(2) il-punt SERA.4001 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) Il-pjan tat-titjira għandu:

(1) jiġi sottomess, qabel it-tluq:

(i) lill-Maniġer tan-Network direttament jew permezz ta' uffiċċju tar-rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, f'konformità mal-manwali tal-operazzjonijiet li jkun fihom l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa żviluppati u miżmuma mill-Maniġer tan-Network, jekk ikun hemm l-intenzjoni li t-titjira topera f'konformità mal-IFR għal porzjon mir-rotta, jew ir-rotta kollha, tat-titjira fl-ispazju tal-ajru uniku Ewropew; jew

(ii) lill-uffiċċju tar-rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għal każijiet oħra.

(2) matul it-titjira jiġi trażmess lill-unità xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru jew lill-istazzjon tar-radju ta' kontroll mill-ajru għall-art.

(d) Sakemm ma jkunx ġie preskritt perjodu ta' żmien iqsar mill-awtorità kompetenti għal titjiriet VFR domestiċi, il-pjan tat-titjira għal kwalunkwe titjira ppjanata li topera bejn il-fruntieri internazzjonali jew li tkun se tiġi pprovduta b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru jew servizz ta' konsulenza dwar it-traffiku tal-ajru għandu jiġi sottomess kif ġej:

(1) mhux aktar minn 120 siegħa qabel il-ħin stmat tat-tluq;

(2) mill-inqas 3 sigħat qabel il-ħin stmat tat-tluq għal titjiriet li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri ta' ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru;

(3) mill-inqas 60 minuta qabel it-tluq għat-titjiriet l-oħra kollha mhux koperti mill-punt (2); jew

(4) jekk jiġi sottomess matul it-titjira, f'ħin li jiżgura li tasal għand l-unità xierqa tal-ATS, mill-inqas 10 minuti qabel ma l-inġenju tal-ajru jkun stmat li jilħaq:

(i) il-punt ta' dħul intenzjonat f'erja ta' kontroll jew f'erja ta' konsulenza; jew

(ii) il-punt b'passaġġ bl-ajru jew rotta ta' konsulenza.";

(b) jiżdiedu l-punti (e) u (f) li ġejjin:

"(e) Għal titjiriet operati parzjalment jew għalkollox f'konformità mal-IFR, li jidħlu fiż-żona ta' responsabbiltà tal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, li qatt qabel ma jkun waslilha pjan tat-titjira mill-Maniġer tan-Network, l-unità kkonċernata għandha tibgħat lill-Maniġer tan-Network l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru, it-tip ta' inġenju tal-ajru, il-punt tad-dħul fiż-żona ta' responsabbiltà tagħha, il-ħin u l-livell tat-titjira f'dak il-punt, ir-rotta u l-ajrudrom tad-destinazzjoni tat-titjira.

(f) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (c), (d) u (e) ma għandhomx japplikaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew li mhuwiex parti mir-reġjun EUR tal-ICAO.";

(3) il-punt SERA.4005 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**SERA.4005 Kontenut tal-pjan tat-titjira**

(a) Il-pjan tat-titjira għandu jinkludi l-informazzjoni kollha meqjusa rilevanti mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' dan li ġej:

(1) l-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru;

(2) ir-regoli tat-titjir u t-tip ta' titjira;

(3) in-numru u t-tip(i) ta' inġenji tal-ajru u l-kategorija tat-turbolenza tar-radda;

(4) it-tagħmir u l-kapaċitajiet tal-inġenji tal-ajru;

(5) l-ajrudrom jew is-sit tal-operat tat-tluq;

(6) data u ħin tat-tluq stmati;

(7) il-veloċità(jiet) tal-cruising;

(8) il-livell(i) tal-cruising;

(9) ir-rotta li għandha tiġi segwita;

(10) l-ajrudrom jew is-sit tal-operat tad-destinazzjoni u l-ħin totali stmat li għadda;

(11) l-ajrudrom(i) jew is-sit(i) tal-operat alternattiv(i);

(12) Awtonomija tal-fjuwil;

(13) l-għadd totali ta' persuni abbord;

(14) tagħmir ta' emerġenza u sopravivenza, li jinkludi sistema ta' rkupru bil-paraxut ballistiku;

(15) informazzjoni oħra.

(b) Għall-pjanijiet tat-titjiriet sottomessi waqt it-titjira, l-ajrudrom tat-tluq jew is-sit tal-operat ipprovduti għandhom ikunu l-post minn fejn tkun tista' tinkiseb informazzjoni supplimentari dwar it-titjira, jekk dan ikun meħtieġ. Barra minn hekk, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minflok il-ħin ta' tluq stmat għandha tkun il-ħin fuq l-ewwel punt tar-rotta li l-pjan tat-titjira jkun relatat magħha."

(4) il-punt SERA.4010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**SERA.4010 Tlestija tal-Pjan tat-Titjira**

(a) Il-pjan tat-titjira għandu jkun fih informazzjoni, kif applikabbli, dwar l-oġġetti rilevanti elenkati fil-punt SERA.4005 (a)(1) sa (11) rigward ir-rotta kollha jew il-parti li għaliha jkun ġie sottomess il-pjan tat-titjira.

(b) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-oriġinaturi tal-pjanijiet tat-titjira u l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jsegwu l-istruzzjonijiet meħtieġa msemmija fil-punt SERA.4001(c)(1)(i) għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:

(1) l-istruzzjonijiet għat-tlestija tal-formola tal-pjan tat-titjira li tinsab fl-Appendiċi 6;

(2) kwalunkwe restrizzjoni identifikata fil-Pubblikazzjonijiet tal-Informazzjoni Ajrunawtika (AIP).

(c) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru, jew l-aġenti li jaġixxu f'isimhom, li jkollhom l-intenzjoni li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew għal porzjon mir-rotta jew għar-rotta kollha f'konformità mal-IFR għandhom idaħħlu l-indikatur xieraq għat-tagħmir tal-inġenji tal-ajru disponibbli abbord u l-kapaċitajiet tiegħu f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1770 (*) fil-punt rilevanti tal-pjan tat-titjira kif meħtieġ fil-punt SERA.4005(a)(4).

(d) L-operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux mgħammra f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1770 li beħsiebhom joperaw fl-ispazju tal-ajru uniku Ewropew għandhom idaħħlu l-indikatur xieraq għat-tagħmir tal-inġenji tal-ajru disponibbli abbord u l-kapaċitajiet tiegħu, u kwalunkwe eżenzjoni potenzjali fil-punti rilevanti tal-pjan tat-titjira skont il-punti SERA.4005(a) (4) u SERA.4005(a) (15) rispettivament. Barra minn hekk, il-pjan tat-titjira għandu jinkludi informazzjoni, kif applikabbli, dwar il-punti l-oħra kollha meta dan ikun preskritt b'tali mod mill-awtorità kompetenti jew inkella meta jitqies li huwa meħtieġ mill-persuna li tissottometti l-pjan tat-titjira.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1770 tat-12 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir tal-inġenji tal-ajru meħtieġ għall-użu tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew u r-regoli operattivi relatati mal-użu tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 29/2009 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1206/2011, (UE) Nru 1207/2011 u (UE) Nru 1079/2012 (ĠU L 228, XX.9.2023, p. 39)";

(5) jiddaħħal il-punt SERA.4013 li ġej:

"**SERA.4013 Aċċettazzjoni tal-pjan tat-titjira**

(a) Għall-parti tar-rotta operata f'konformità mal-IFR, il-Maniġer tan-Network u l-uffiċċju tar-rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta jiġi riċevut pjan tat-titjira, jew meta jsirulu l-bidliet, dan ikun:

(1) f'konformità mal-konvenzjonijiet applikabbli dwar il-format u d-*data*;

(2) komplut u, kemm jista' jkun, akkurat;

(3) jekk ikun meħtieġ, isir aċċettabbli għas-servizzi tat-traffiku tal-ajru; u

(4) aċċettat, jew anke l-bidliet li jsirulu jkunu aċċettati wkoll, u dan jiġi indikat lill-oriġinatur tal-pjan tat-titjira.

(b) L-unitajiet tal-ATC għandhom jipprovdu lill-Maniġer tan-Network kwalunkwe bidla meħtieġa fil-pjan tat-titjira li taffettwa l-punti relatati mar-rotta jew mal-livell tat-titjira kif elenkati fil-punt SERA.4005 (a) (1) sa (10) li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tat-titjira, għall-pjanijiet tat-titjira u għall-messaġġi ta' aġġornament assoċjati li jkunu riċevew qabel mingħand il-Maniġer tan-Network. L-ebda bidla oħra fil-pjan tat-titjira jew il-kanċellazzjoni tiegħu ma għandha ssir minn unità tal-ATC fil-fażi ta' qabel it-titjira mingħajr ma jkun hemm koordinazzjoni mal-operatur tal-inġenji tal-ajru.

(c) Il-Maniġer tan-Network għandu jikkomunika lill-unitajiet tal-ATS affettwati kollha l-pjan tat-titjira aċċettat u kull bidla fil-fażi ta' qabel it-titjira aċċettata li tkun saret fil-punti elenkati fil-punt SERA.4005 (a) (1) sa (10) tal-pjan tat-titjira u l-messaġġi ta' aġġornament assoċjati.

(d) Il-Maniġer tan-Network għandu jikkomunika mal-operatur tal-inġenji tal-ajru kwalunkwe bidla meħtieġa fil-fażi ta' qabel it-titjira li tkun saret fil-pjan tat-titjira li taffettwa l-punti elenkati fil-punt SERA.4005 (a) (1) sa (10) relatati mar-rotta jew mal-livell tat-titjira li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza tat-titjira, għall-pjanijiet tat-titjira u għall-messaġġi ta' aġġornament assoċjati li jkunu waslu qabel.

(e) Meta ma jkunx l-operatur tal-inġenji tal-ajru jew il-bdot, l-oriġinatur tal-pjan tat-titjira, għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni tal-pjan tat-titjira u kwalunkwe bidla meħtieġa għal dawn il-kundizzjonijiet kif innotifikat mill-Maniġer tan-Network għall-porzjon tat-titjira operata f'konformità mal-IFR, jew mill-uffiċċji ta' rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, ikunu disponibbli għall-operatur tal-inġenji tal-ajru jew għall-bdot li jkun issottometta l-pjan tat-titjira.

(f) L-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-aċċettazzjoni tal-pjan tat-titjira u kwalunkwe bidla meħtieġa fih kif jiġi notifikat mill-Maniġer tan-Network jew mill-uffiċċju tar-rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru lill-oriġinatur tal-pjan tat-titjira jiġu inkorporati fl-operazzjoni tat-titjira ppjanata u kkomunikati lill-bdot.

(g) Qabel l-operazzjoni tat-titjira, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jiżgura li l-kontenut tal-pjan tat-titjira jirrifletti l-intenzjonijiet operazzjonali b'mod korrett.

(h) Il-Maniġer tan-Network għandu jipproċessa u jqassam l-informazzjoni dwar il-kapaċità tal-ispazjar tal-kanali ta' 8,33 kHz riċevuta fil-pjanijiet tat-titjira.

(i) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (h) ma għandhomx japplikaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew li mhuwiex parti mir-reġjun EUR tal-ICAO.";

(6) il-punt SERA.4015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**SERA.4015 Bidliet fil-pjan tat-titjira**

(a) Il-bidliet kollha fil-pjan tat-titjira sottomess għal titjira IFR, jew titjira VFR operata bħala titjira kkontrollata, għandhom jiġu rrapportati:

(1) matul il-fażi ta' qabel it-titjira, lill-Maniġer tan-Network għat-titjiriet maħsuba biex joperaw f'konformità mal-IFR għal porzjon mir-rotta jew għar-rotta kollha, u għall-uffiċċji ta' rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru malajr kemm jista' jkun;

(2) matul it-titjira, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-punt SERA.8020 (b), lill-unità xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

Għal titjiriet VFR oħrajn, il-bidliet sinifikanti fi pjan tat-titjira għandhom jiġu rrappurtati malli dan ikun prattikabbli lill-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru xierqa.

(b) F'każ ta' dewmien ta' aktar minn 30 minuta wara l-ħin stmat tat-tluq; għal titjira kkontrollata jew dewmien ta' sieġħa (1) għal titjira mhux ikkontrollata li għaliha jkun ġie sottomess pjan tat-titjira, il-pjan tat-titjira għandu jiġi emendat, inkella jiġi sottomess pjan tat-titjira ġdid u l-pjan tat-titjira l-antik jiġi kkanċellat, skont liema jkun applikabbli. Għal kull titjira operata f'konformità mal-IFR, id-dewmien ta' aktar minn 15-il minuta għandu jiġi kkomunikat lill-Maniġer tan-Network.

(c) Fil-każ ta' bidla fit-tagħmir tal-inġenju tal-ajru u l-istatus tal-kapaċità tiegħu għal titjira, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, jew l-aġenti li jaġixxu f'isimhom, għandhom jibagħtu messaġġ ta' modifika lill-Maniġer tan-Network jew lill-uffiċċji tar-rapportar tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru bl-indikatur xieraq imdaħħal fil-punt rilevanti tal-formola tal-pjan tat-titjira.

(d) L-informazzjoni sottomessa qabel it-tluq dwar l-awtonomija tal-fjuwil jew l-għadd totali ta' persuni ttrasportati abbord, jekk ma tkunx korretta fil-ħin tat-tluq, tikkostitwixxi bidla sinifikanti fil-pjan tat-titjira u għandha tiġi rrappurtata bħala tali.

(e) Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (d) ma għandhomx japplikaw fl-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew li mhuwiex parti mir-reġjun EUR tal-ICAO."

(7) tiżdied it-Taqsima 15 li ġejja:

"*TAQSIMA 15*

Proċeduri ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-data bejn il-kontrollur u l-bdot (CPDLC)

SERA.15001 Bidu tal-kollegament tad-*data* u falliment tal-bidu tal-kollegament tad-*data*

(a) L-indirizz tal-illoggjar assoċjat mal-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jiġi ppubblikat fil-pubblikazzjonijiet nazzjonali tal-informazzjoni ajrunawtika (AIP).

(b) Mal-wasla ta' talba valida għall-bidu ta' kollegament tad-*data* minn inġenju tal-ajru li jkun qed joqrob jew fiż-żona ta' servizz ta' kollegament tad-*data*, l-unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandha taċċetta t-talba u, jekk tkun tista' tikkorrelata ma' pjan tat-titjira, għandha tistabbilixxi konnessjoni mal-inġenju tal-ajru.

(c) Il-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandu jistabbilixxi proċeduri biex isolvi l-fallimenti tal-bidu tal-kollegament tad-*data* malajr kemm jista' jkun.

(d) L-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jistabbilixxi proċeduri biex il-fallimenti tal-bidu tal-kollegament tad-*data* jissolvew malajr kemm jista' jkun.

SERA.15005 Stabbiliment tas-CPDLC

(a) Is-CPDLC għandu jiġi stabbilit fi żmien biżżejjed minn qabel biex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jikkomunika mal-unità xierqa tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

(b) L-informazzjoni dwar meta u, jekk applikabbli, fejn is-sistemi tal-ajru jew tal-art jenħtieġ li jistabbilixxu s-CPDLC għandha tiġi ppubblikata f'ċirkulari jew pubblikazzjonijiet tal-informazzjoni ajrunawtika.

(c) Il-bdot għandu jkun kapaċi jidentifika l-unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru li tipprovdi s-servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fi kwalunkwe ħin waqt li jkun qed jiġi pprovdut is-servizz.

SERA.15010 Trasferiment tas-CPDLC

(a) Meta jiġi trasferit is-CPDLC, it-trasferiment tal-komunikazzjoni vokali u s-CPDLC għandhom jibdew fl-istess ħin.

(b) Meta inġenju tal-ajru jiġi ttrasferit minn unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fejn is-CPDLC ikun disponibbli għal unità tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru fejn is-CPDLC ma jkunx disponibbli, it-terminazzjoni tas-CPDLC għandha tibda fl-istess ħin mat-trasferiment tal-komunikazzjoni bil-vuċi.

(c) Il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu jiġi infurmat meta jipprova jittrasferixxi s-CPDLC li jirriżulta f'bidla fl-awtorità tad-*data* jekk ikun hemm messaġġi ta' kollegament tad-*data* li għalihom ma jkun wasal rispons għall-għeluq. Meta l-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jiddeċiedi li jittrasferixxi l-inġenju tal-ajru mingħajr ma jirċievi r-rispons tal-bdot għall-messaġġ(i) uplink pendenti, il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandu normalment jerġa' lura għal komunikazzjoni bil-vuċi biex jiċċara kwalunkwe ambigwità assoċjata mal-messaġġ(i) uplink pendenti.

SERA.15015 Kostruzzjoni tal-messaġġi tas-CPDLC

(a) It-test tal-messaġġi tas-CPDLC għandu jkun f'format ta' messaġġ standard, b'lingwaġġ sempliċi, jew bl-abbrevjazzjonijiet u l-kodiċijiet. Għandu jiġi evitat lingwaġġ sempliċi meta t-tul tat-test jista' jitnaqqas bl-użu ta' abbrevjazzjonijiet u kodiċijiet xierqa. Ma għandhomx jintużaw kliem u frażijiet mhux essenzjali, bħal espressjonijiet ta' kortesija.

(b) Il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru u l-bdot għandhom jibnu l-messaġġi tas-CPDLC billi jużaw elementi ta' messaġġ standard, elementi ta' messaġġ b'test liberu, jew kombinament tat-tnejn. Il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jew il-bdoti għandhom jevitaw li jużaw l-elementi ta' messaġġ b'test liberu.

(c) Meta s-sett ta' messaġġi CPDLC implimentat ma jipprevedix ċirkostanzi speċifiċi, l-awtorità kompetenti tista' tiddetermina li huwa aċċettabbli li jintużaw elementi ta' messaġġi b'test liberu billi tikkonsulta ma' operaturi u fornituri oħra tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tiddefinixxi l-format tal-wiri, l-użu maħsub u l-attributi għal kull element ta' messaġġ b'test liberu.

(d) Il-kompożizzjoni ta' messaġġ tas-CPDLC ma għandhiex taqbeż il-ħames elementi tal-messaġġ, li tnejn minnhom biss jista' jkun fihom il-varjabbli tal-awtorizzazzjoni tar-rotta.

(e) Kostruzzjoni tal-messaġġi tas-CPDLC b'diversi elementi:

(1) Meta l-messaġġ tas-CPDLC b'diversi elementi jkun jeħtieġ rispons, ir-rispons għandu japplika għall-elementi kollha tal-messaġġ.

(2) Meta l-awtorizzazzjoni ta' wieħed mill-elementi tal-messaġġ jew kwalunkwe parti minn messaġġ ta' approvazzjoni b'diversi elementi ma tkunx tista' tiġi osservata, il-bdot għandu jibgħat risposta 'UNABLE' għall-messaġġ kollu.

(3) Il-kontrollur għandu jwieġeb b'messaġġ 'UNABLE' li japplika għall-elementi kollha tat-talba meta ma jkun jista' jiġi approvat l-ebda element tat-talba għall-awtorizzazzjoni ta' element wieħed jew ta' diversi elementi. L-approvazzjoni(jiet) attwali ma għandhomx jiġu ddikjarati mill-ġdid.

(4) Meta talba għal approvazzjoni b'diversi elementi tkun tista' tiġi akkomodata parzjalment biss, il-kontrollur għandu jwieġeb b'messaġġ 'UNABLE' li japplika għall-elementi kollha tal-messaġġ tat-talba u, jekk ikun xieraq, jinkludi raġuni u/jew informazzjoni dwar meta hija mistennija l-awtorizzazzjoni.

(5) Meta l-elementi kollha ta' talba għall-awtorizzazzjoni ta' element wieħed jew ta' diversi elementi jkunu jistgħu jiġu akkomodati, il-kontrollur għandu jwieġeb bl-awtorizzazzjonijiet li jikkorrispondu għal kull element tat-talba. Dan ir-rispons għandu jkun messaġġ uplink wieħed.

(6) Meta messaġġ tas-CPDLC ikun fih aktar minn element ta' messaġġ wieħed u meta jintuża l-attribut tar-rispons għall-messaġġ ikun 'Y', il-messaġġ ta' rispons uniku għandu jkun fih in-numru korrispondenti ta' tweġibiet fl-istess ordni.

SERA.15020 Rispons għall-messaġġi tas-CPDLC

(a) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-awtorità kompetenti, ma għandux ikun meħtieġ il-qari lura tal-messaġġi tas-CPDLC bil-vuċi.

(b) Għajr meta jkun hemm bżonn korrezzjoni tal-messaġġ tas-CPDLC trażmess, meta kontrollur jew bdot jikkomunika permezz tas-CPDLC, ir-rispons għandu normalment ikun permezz tas-CPDLC. Meta kontrollur jew bdot jikkomunika permezz tal-vuċi, ir-rispons għandu normalment ikun permezz tal-vuċi.

SERA.15025 Korrezzjoni tal-messaġġi tas-CPDLC

(a) Meta titqies neċessarja korrezzjoni għal messaġġ tas-CPDLC jew meta jkun jeħtieġ li jiġi ċċarat il-kontenut ta' tali messaġġ, il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru u l-bdot għandhom jużaw l-aktar mezzi xierqa disponibbli għall-ħruġ tad-dettalji korretti jew biex jipprovdu l-kjarifika meħtieġa.

(b) Meta tintuża komunikazzjoni bil-vuċi biex jiġi kkoreġut messaġġ tas-CPDLC li għalih tkun għadha ma waslet l-ebda reazzjoni operazzjonali, qabel it-trażmissjoni bil-vuċi tal-kontrollur jew tal-bdot għandu jkun hemm il-frażi: 'DISREGARD CPDLC (tip ta' messaġġ) MESSAGE, BREAK' — segwita mill-awtorizzazzjoni, l-istruzzjoni, l-informazzjoni jew it-talba korretta.

(c) Meta ssir referenza għall-messaġġ CPDLC u jkun identifikat li għandu jiġi injorat, għandha tiġi eżerċitata l-kawtela fil-formulazzjoni tiegħu sabiex tiġi evitata kwalunkwe ambigwità mal-kwistjoni tal-korrezzjoni għall-awtorizzazzjoni, l-istruzzjoni, l-informazzjoni jew it-talba.

(d) Jekk messaġġ tas-CPDLC li jkun jeħtieġ rispons operazzjonali jiġi sussegwentement innegozjat permezz tal-vuċi, għandu jintbagħat rispons għall-għeluq xieraq tal-messaġġ tas-CPDLC biex tiġi żgurata sinkronizzazzjoni xierqa tad-djalogu tas-CPDLC. Dan jista' jinkiseb jew billi r-riċevitur tal-messaġġ jingħata struzzjonijiet b'mod espliċitu permezz tal-vuċi biex jagħlaq id-djalogu jew billi s-sistema titħalla tagħlaq id-djalogu awtomatikament.

SERA.15030 Proċeduri ta' komunikazzjoni għall-kontrollur b'kollegament tad-*data* għal emerġenzi, perikli, u ħsara fit-tagħmir tas-CPDLC

(a) Meta il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew il-bdot jiġu mwissija li jkun falla messaġġ wieħed ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot, il-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew il-bdot għandhom jieħdu waħda mill-azzjonijiet li ġejjin, kif ikun xieraq:

(1) jikkonfermaw permezz tal-vuċi l-azzjonijiet li se jittieħdu fir-rigward tad-djalogu relatat u jippreċedu l-informazzjoni bil-frażi: 'CPDLC MESSAGE FAILURE';

(2) permezz ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot, jerġgħu jibagħtu l-messaġġ ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-*data* li falla bejn il-kontrollur u l-bdot.

(b) Il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li huma meħtieġa jittrażmettu l-informazzjoni dwar xi falliment totali tas-sistema ta' komunikazzjoni fuq l-art b'kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot lill-istazzjonijiet kollha li x'aktarx jinteressaw jenħtieġ li jiffaċċjaw tali trażmissjoni permezz tas-sejħa ġenerali: 'ALL STATIONS CPDLC FAILURE' — segwit mill-identifikazzjoni tal-istazzjon li jagħmel is-sejħa.

(c) Meta l-komunikazzjoni b'kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot tfalli u terġaż tintuża l-komunikazzjoni bil-vuċi, il-messaġġi CPDLC kollha pendenti għandhom jitqiesu li ma waslux u d-djalogu kollu li jinvolvi l-messaġġi pendenti għandu jerġa' jibda bil-vuċi.

(d) Meta l-komunikazzjoni b'kollegament tad-*data* bejn il-kontrollur u l-bdot tfalli iżda terġa' tissokta qabel ma jkun hemm il-ħtieġa li tintuża l-komunikazzjoni bil-vuċi, il-messaġġi kollha pendenti għandhom jitqiesu li ma waslux u d-djalogu kollu li jinvolvi l-messaġġi pendenti għandu jerġa' jibda permezz tas-CPDLC.

SERA.15035 Għeluq intenzjonali tas-sistema tas-CPDLC

(a) Meta jkun ippjanat għeluq is-sistema tan-network ta' komunikazzjoni jew tas-sistema fuq l-art tas-CPDLC, għandu jiġi ppubblikat NOTAM biex jinforma lill-partijiet affettwati kollha dwar il-perjodu tal-għeluq u, jekk ikun meħtieġ, id-dettalji tal-frekwenzi tal-komunikazzjoni bil-vuċi li għandhom jintużaw.

(b) L-inġenji tal-ajru f'komunikazzjoni mal-unitajiet tal-ATC għandhom jiġu infurmati bil-vuċi jew bis-CPDLC bi kwalunkwe telf imminenti tas-servizz CPDLC.

SERA.15040 Diskontinwità tal-użu tat-talbiet tas-CPDLC

(a) Meta kontrollur jeħtieġ li l-istazzjonijiet kollha jew titjira speċifika jevitaw li jibagħtu talbiet tas-CPDLC għal perjodu ta' żmien limitat, għandha tintuża l-fraži li ġejja: ((is-sinjal tas-sejħa) jew ALL STATIONS) STOP SENDING CPDLC REQUESTS [UNTIL ADVISED] [(raġuni)].

(b) Għandu jingħata l-parir li jissokta l-użu normali tas-CPDLC billi tintuża l-fraži li ġejja: ((is-sinjal tas-sejħa) jew ALL STATIONS) RESUME NORMAL CPDLC OPERATIONS.

SERA.15045 Użu tas-CPDLC f'każ ta' ħsara fil-komunikazzjoni bil-vuċi mill-ajru għall-art

L-eżistenza ta' konnessjoni tas-CPDLC bejn unità tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u inġenju tal-ajru ma għandhiex tipprevjeni lill-bdot u lill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru kkonċernat milli jibda u jwettaq l-azzjonijiet kollha meħtieġa f'każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bil-vuċi mill-ajru għall-art.

SERA.15050 Ittestjar tas-CPDLC

Meta l-ittestjar tas-CPDLC b'inġenju tal-ajru jista' jaffettwa s-servizzi tat-traffiku tal-ajru li jkunu qed jiġu pprovduti lill-inġenju tal-ajru, il-koordinazzjoni għandha ssir qabel tali ttestjar.";

(8) jiżdied l-Appendiċi 6 li ġej:

"Appendiċi 6

TLESTIJA TAL-PJAN TAT-TITJIRA

1. **Mudell tal-Formola tal-pjan tat-titjira tal-ICAO**



2. **Struzzjonijiet għat-tlestija tal-formola tal-pjan tat-titjira**

2.1. Ġenerali

Żomm kemm jista' jkun mal-formati preskritti u l-mod kif tiġi speċifikata d-*data*.

Ibda daħħal id-*data* fl-ewwel spazju pprovdut. Meta jkun disponibbli spazju żejjed, ħalli l-ispazji li ma tużax vojta.

Daħħal il-ħinijiet kollha tal-arloġġ f'erba' ċifri UTC.

Daħħal il-ħinijiet stmati li għaddew kollha f'erba' ċifri (sigħat u minuti).

Iż-żona skura li tippreċedi l-punt 3 għandha titlesta mis-servizzi tal-ATS u tal-COM, sakemm ir-responsabbiltà għat-tħejjija tal-messaġġi tal-pjan tat-titjira ma tkunx delegata.

2.2. Struzzjonijiet biex tiddaħħal id-*data* tal-ATS

Imla l-punti 7 sa 18 u, meta jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti jew inkella meta jitqies neċessarju għal xi raġuni oħra, imla l-punt 19 kif indikat hawn taħt.

DAĦĦAL wieħed mill-identifikazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru li ġejjin, mingħajr ma taqbeż is-seba' karattri alfanumeriċi u mingħajr singijiet jew simboli:

(a) id-dežinjatur tal-ICAO għall-operatur tal-inġenju tal-ajru, segwit mill-identifikazzjoni tat-titjira (eż. KLM511, NGA213, JTR25) waqt ir-radjutelefonija is-sinjal tas-sejħa li għandu jintuża mill-inġenju tal-ajru jikkonsisti mid-dežinjatur tat-telefonija tal-ICAO għall-operatur segwit mill-identifikazzjoni tat-titjira (eż. KLM511, NIGERIA 213, JESTER 25); jew

(b) in-nazzjonalità jew il-marka komuni u l-marka tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru (eż. EIAKO, 4XBCD, N2567GA), meta:

(1) waqt ir-radjutelefonija, is-sinjal tas-sejħa li għandu jintuża mill-inġenju tal-ajru jikkonsisti biss minn din l-identifikazzjoni (eż. CGAJS), jew ippreċedut mid-dežinjatur tat-telefonija tal-ICAO għall-operatur tal-inġenju tal-ajru (eż. BLIZZARD CGAJS);

(2) l-inġenju tal-ajru mhuwiex mgħammar bir-radju.

Regoli tat-titjir

DAĦĦAL waħda mill-ittri li ġejjin biex tindika l-kategorija tar-regoli tat-titjira li l-bdot beħsiebu jikkonforma magħha:

I – jekk huwa maħsub li t-titjira kollha tkun operata skont l-IFR; jew

V – jekk huwa maħsub li t-titjira kollha tkun operata skont il-VFR; jew

Y – jekk it-titjira hija inizjalment operata skont l-IFR, segwita minn bidla sussegwenti waħda jew aktar; jew

Z – jekk it-titjira hija inizjalment operata skont il-VFR, segwita minn bidla sussegwenti waħda jew aktar fir-regoli tat-titjira.

Speċifika fl-fil-Punt 15 il-punt jew il-punti li hija ppjanata li ssirilhom bidla fir-regoli tat-titjira.

Tip ta' titjira

DAĦĦAL waħda mill-ittri li ġejjin biex tindika t-tip ta' titjira meta jkun meħtieġ hekk mill-awtorità kompetenti:

S – jekk servizz tal-ajru skedat;

N – jekk operazzjoni tat-trasport bl-ajru mhux skedata;

G – jekk avjazzjoni ġenerali;

M – jekk avjazzjoni militari;

X – jekk xi kategorija oħra li mhix definita hawn fuq.

Speċifika l-istatus tat-titjira wara l-indikatur STS fil-Punt 18, jew meta meħtieġ biex tindika raġunijiet oħra għal immaniġġjar speċifiku mill-ATS, indika r-raġuni wara l-indikatur RMK fil-Punt 18.

Numru tal-inġenju tal-ajru (karattru wieħed jew tnejn)

DAĦĦAL in-numru tal-inġenju tal-ajru, jekk hemm aktar minn wieħed.

Tip ta' inġenju tal-ajru (2 sa 4 karattri)

DAĦĦAL id-dežinjatur xieraq kif speċifikat fid-Dok 8643, Dežinjaturi tat-Tip ta' Inġenji tal-Ajru, JEW, jekk ma kien assenjat l-ebda dežinjatur ta' dan it-tip, jew f'każ ta' titjiriet ta' formazzjoni li jinkludu aktar minn tip wieħed, DAĦĦAL "ZZZZ", u SPEĊIFIKA fil-punt 18 (in-numri u) it-tip(i) tal-inġenji tal-ajru ppreċeduti minn "TYP/

Kategorija tat-turbolenza tar-radda (karattru wieħed)

DAĦĦAL linja dijagonali segwita minn waħda mill-ittri li ġejjin biex tindika l-kategorija tat-turbolenza tar-radda tal-inġenju tal-ajru:

J – SUPER, biex tindika tip ta' inġenju tal-ajru speċifikat bħala tali fid-Dok 8643 tal-ICAO, Dežinjaturi tat-Tip ta' Inġenji tal-Ajru, l-aħħar edizzjoni;

H – HEAVY, biex tindika tip ta' inġenju tal-ajru b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' 136 000 kg jew aktar, bl-eċċezzjoni tat-tipi ta' inġenji tal-ajru elenkati fid-Dok 8643 tal-ICAO fil-kategorija SUPER (J);

M – MEDIUM, biex tindika tip ta' inġenju tal-ajru b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' inqas minn 136 000 kg iżda ta' aktar minn 7 000 kg;

L – LIGHT, biex tindika tip ta' inġenju tal-ajru b'massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art ta' inqas minn 7 000 kg jew inqas.

Il-kapaċitajiet jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) il-preżenza ta' tagħmir rilevanti abbord l-inġenju tal-ajru li jista' jsir servizz fuqu;

(b) tagħmir u kapaċitajiet proporzjonati mal-kwalifiki tal-ekwipaġġ tat-titjira; u

(c) meta applikabbli, awtorizzazzjoni mill-awtorità xierqa.

Tagħmir u kapaċitajiet ta' komunikazzjoni bir-radju, ta' navigazzjoni u ta' għajnuna għall-avviċinament

DAĦĦAL ittra waħda kif ġej:

N – – jekk ma jinġarr l-ebda tagħmir għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u l-għajnuna għall-avviċinament fir-rotta tat-titjira, jew it-tagħmir ma jistax isir servizz fuqu; jew

S – jekk jinġarr it-tagħmir għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u l-għajnuna għall-avviċinament fir-rotta tat-titjira u t-tagħmir jista' jsir servizz fuqu; u/jew

DAĦĦAL waħda jew aktar mill-ittri li ġejjin biex tindika t-tagħmir għall-komunikazzjoni, in-navigazzjoni u l-għajnuna għall-avviċinament li jista' jsir servizz fuqu u l-kapaċitajiet disponibbli:

A	Sistema ta' llandjar bil-GBAS	**J7**	CPDLC FANS 1/A SATCOM (Iridium)
B	LPV (APV bl-SBAS)	**K**	ppm
C	LORAN C	**L**	MAC
D	CVD	**M1**	ATC SATVOICE (INMARSAT)
E1	FMC WPR ACARS	**M2**	ATC SATVOICE (MTSAT)
E2	ID-FIS ACARS	**M3**	ATC SATVOICE (Iridium)
E3	PDC ACARS	**O**	VOR

(g)	GNSS. Jekk ikun ippjanat li porzjon mit-titjira jitwettaq skont l-IFR, dan jirreferi għar-riċevituri tal-GNSS li jikkonformaw mal-Volum I tal-Anness 10 tal-ICAO
(h)	HF RTF
(i)	Navigazzjoni inerzjali
J1	CPDLC ATN VDL Mode 2
J2	CPDLC FANS 1/A HFDL
J3	CPDLC FANS 1/A VDL Mode A
J4	CPDLC FANS 1/A VDL Mode 2
J5	CPDLC FANS 1/A SATCOM (INMARSAT)
J6	CPDLC FANS 1/A SATCOM (MTSAT)
P1	CPDLC RCP 400
P2	CPDLC RCP240
P3	SATVOICE RCP 400
P4-P9	Riżervat għall-RCP
R	PBN approvat
T	TACAN
U	UHF RTF
(v)	VHF RTF
W	RVSM approvat
(x)	MNPS Approvat
Y	VHF b'kapaċità ta' spazjar bejn il-kanali ta' 8,33kHz
Z	Tagħmir ieħor li jinġarr jew kapaċitajiet oħra

Kwalunkwe karattru alfanumeriku li mhuwiex indikat hawn fuq huwa riżervat.

Tagħmir u kapaċitajiet ta' sorveljanza

DAĦĦAL **N** jekk ma jinġarr l-ebda tagħmir ta' sorveljanza fir-rotta tat-titjira, jew it-tagħmir ma jkunx jista' jsir servizz fuqu;

JEW

DAĦĦAL wieħed jew aktar mid-deskritturi li ġejjin, sa massimu ta' 20 karattru, biex tiddeskrivi t-tagħmir ta' sorveljanza li jista' jsir servizz fuqu u/jew il-kapaċitajiet abbord:

SSR Modes A u C

A – Transponder — Mode A (4 ċifri — 4 096 kodiċi)

A – Transponder — Mode A (4 ċifri — 4 096 kodiċi) u Mode C

SSR Mode S

E – Transponder — Mode S, li jinkludi l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, l-altitudni tal-pressjoni u l-kapaċità tat-tip 'extended squitter' (ADS-B)

H – Transponder — Mode S, li jinkludi l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, l-altitudni tal-pressjoni u l-kapaċità ta' sorveljanza msaħħa

I – Transponder — Mode S, li jinkludi l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, iżda mhux il-kapaċità tal-altitudni tal-pressjoni

L – Transponder — Mode S, li jinkludi l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, l-altitudni tal-pressjoni, il-kapaċità tat-tip 'extended squitter' (ADS-B) u tas-sorveljanza msaħħa

P – Transponder — Mode S, li jinkludi l-altitudni tal-pressjoni, iżda mhux il-kapaċità tal-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru

S – Transponder — Mode S, li jinkludi kemm l-altitudni tal-pressjoni kif ukoll il-kapaċità tal-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru

X – Transponder — Mode S, li la jinkludi l-identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru, u lanqas il-kapaċità tal-altitudni tal-pressjoni

ADS-B

B1 – ADS-B b'kapaċita ta' ADS-B 'out' iddedikata ta' 1 090 MHz

B2 – ADS-B b'kapaċita ta' ADS-B 'out' u 'in' iddedikata ta' 1 090 MHz

U1 – il-kapaċità ta' ADS-B 'out' bl-użu tal-UAT

U2 – il-kapaċità ta' ADS-B 'out' u 'in' bl-użu tal-UAT

V1 – il-kapaċità ta' ADS-B 'out' bl-użu tal-VDL Mode 4

V2 – il-kapaċità ta' ADS-B 'out' u 'in' bl-użu tal-VDL Mode 4

ADS-C

D1 – ADS-C bil-kapaċitajiet ta' FANS 1/A

G1 – ADS-C bil-kapaċitajiet ta' ATN

Karattri alfanumeriċi li mhumiex indikati hawn fuq huma riżervati.

DAĦĦAL l-indikatur tal-lokament b'erba' ittri tal-ICAO tal-ajrudrom tat-tluq kif speċifikat fid-Dok 7910, *Indikaturi tal-Lokament*;

JEW, jekk l-ebda indikatur tal-lokament ma jkun ġie assenjat,

DAĦĦAL "ZZZZ" u SPEĊIFIKA, fil-Punt 18:

— l-isem u l-post tal-ajrudrom ippreċedut mid-DEP/; jew

— l-ewwel punt tar-rotta jew is-sinjal markatur tar-radju ppreċedut minn DEP/..., jekk l-inġenju tal-ajru ma jkunx telaq minn ajrudrom;

JEW, - – jekk il-pjan tat-titjira jiġi riċevut minn inġenju tal-ajru waqt titjira,

DAĦĦAL AFIL, u SPEĊIFIKA, fil-Punt 18, l-indikatur tal-lokament b'erba' ittri tal-ICAO tal-unità tal-ATS li permezz tagħha tista' tinkiseb *data* supplimentari dwar il-pjan tat-titjira, ippreċedut minn DEP/.

IMBAGĦAD, MINGĦAJR SPAZJU,

DAĦĦAL għal pjan tat-titjira sottomess qabel it-tluq, il-ħin stmat tat-tluq (EOBT), jew għal pjan tat-titjira riċevut minn inġenju tal-ajru waqt it-titjira, il-ħin attwali jew il-ħin stmat fuq l-ewwel punt tar-rotta li l-pjan tat-titjira jkun japplika għaliha.

DAĦĦAL *l-ewwel veloċità tal-cruising bħal fil-punt* (a) u *l-ewwel livell tal-cruising* bħal fil-punt (b) mingħajr spazju bejniethom.

IMBAGĦAD, segwi l-vleġġa u DAĦĦAL id-deskrizzjoni tar-rotta bħal fil-punt (c).

(a) *Veloċità tal-cruising (massimu ta' ħames karattri)*

DAĦĦAL il-*Veloċità fl-ajru reali* għall-ewwel porzjon jew għall-porzjon kollu tal-cruising tat-titjira, f'termini ta':

Kilometri fis-siegħa, espressi bħala K segwiti minn erba' ċifri (eż. K0830), jew

Knots, espressi bħala N segwiti minn erba' ċifri (eż. N0485), jew

In-numru Mach Reali, meta jkun preskritt b'tali mod mill-awtorità kompetenti, sal-eqreb ċenteżmu ta' unità Mach, espress bħala M segwit minn tliet figuri (eż M082).

(b) *Livell tal-cruising (massimu ta' ħames karattri)*

DAĦĦAL il-livell tal-cruising ippjanat għall-ewwel parti mir-rotta jew ir-rotta sħiħa tat-titjira, f'termini ta':

Livell tat-titjira, espress bħala F, segwit minn tliet ċifri (eż. F085, F330), *jew*

Livell metriku standard *f'għexieren ta' metri*, meta jkun preskritt b'tali mod mill-awtorità kompetenti espress bħala S segwit minn erba' ċifri (eż S1130), *jew*

Altitudni f'mijiet ta' piedi, espressa bħala A segwita minn tliet ċifri (eż. A045, A100), jew

Altitudni f'għexieren ta' metri, espressa bħala M segwita minn erba' ċifri (eż, M0840), jew

għat-titjiriet VFR mhux ikkontrollati, l-ittri VFR.

(c) *Rotta (li tinkludi l-bidliet fil-livell tal-veloċità u/jew fir-regoli tat-titjira*

Titjiriet tul ir-rotot tal-ATS iddeżinjati

DAĦĦAL, jekk l-ajrudrom tat-tluq ikun jinsab fuq ir-rotta tal-ATS jew ikun konness magħha, id-deżinjatur tal-ewwel rotta tal-ATS,

JEW, jekk l-ajrudrom tat-tluq ma jkunx jinsab fuq ir-rotta tal-ATS jew ma jkunx konness magħha, l-ittri DCT segwiti mill-punt li jgħaqqad l-ewwel rotta tal-ATS, segwit mid-deżinjatur tar-rotta tal-ATS.

IMBAGĦAD

DAĦĦAL kull punt li fih huwa ppjanat li tinbeda bidla fil-veloċità u/jew fil-livell, jew bidla fir-rotta tal-ATS, u/jew hija ppjanata bidla fir-regoli tat-titjir,

SEGWIT F'KULL KAŻ

mid-deżinjatur tas-segment tar-rotta tal-ATS li jmiss, anki jekk ikun l-istess bħal dak preċedenti,

JEW minn DCT, jekk it-titjira sal-punt li jmiss tkun barra r-rotta ddeżinjata, sakemm iż-żewġ punti ma jkunux iddefiniti mill-koordinati ġeografiċi.

Titjiriet barra r-rotot tal-ATS iddeżinjati

DAĦĦAL il-punti li normalment ma jkunx hemm aktar minn 30 minuta ta' titjir jew 370 km (200 NM) bejniethom, li jinkludu kull punt li fih tkun ippjanata bidla fil-veloċità jew fil-livell, bidla fit-trajettorja, jew bidla fir-regoli tat-titjira,

JEW, meta meħtieġ mill-awtorita(jiet) kompetenti,

IDDEFINIXXI it-trajettorja ta' titjiriet li joperaw fil-biċċa l-kbira fid-direzzjoni bejn il-Lvant u l-Punent bejn 70°N u 70°S b'referenza għal punti sinifikanti ffurmati mill-intersezzjonijiet ta' nofs gradi jew gradi sħaħ ta' latitudni bil-meridjani spazjati f'intervalli ta' longitudni ta' 10 gradi. Għal titjiriet li joperaw f'żoni barra dawk il-latitudnijiet, it-trajettorji għandhom ikunu definiti minn punti sinifikanti ffurmati mill-intersezzjoni ta' paralleli ta' latitudni ma' meridjani normalment spazjati f'longitudni ta' 20 grad. Id-distanza bejn il-punti sinifikanti kemm jista' jkun ma għandhiex tkun aktar minn sitta titjira. Għandhom jiġu stabbiliti punti sinifikanti addizzjonali kif ikun meħtieġ.

Għal titjiriet li joperaw b'mod predominanti f'direzzjoni bejn it-Tramuntana u Nofsinhar, iddefinixxi t-trajettorji billi tagħmel referenza għall-punti sinifikanti ffurmati mill-intersezzjoni ta' gradi sħaħ ta' longitudni ma' paralleli speċifikati li huma spazjati f'latitudni ta' ħames gradi.

DAĦĦAL DCT bejn il-punti suċċessivi sakemm iż-żewġ punti ma jkunux iddefiniti mill-koordinati ġeografiċi jew bil-pożizzjoni u d-distanza.

UŻA BISS il-konvenzjonijiet fil-punti (1) sa (5) hawn taħt u IFRED kull subpunt bi spazju.

(1) ATS route (2 to 7 characters)

Id-deżinjatur ikkodifikat assenjat għar-rotta jew għas-segment tar-rotta inkluż, fejn xieraq, id-deżinjatur ikkodifikat assenjat għar-rotta tat-tluq jew tal-wasla standard (eż. BCN1, Bl, R14, UB10, KODAP2 A).

(2) Significant point (2 to 11 characters)

Id-deżinjatur kodifikat (minn żewġ sa ħames karattri) assenjati lill-punt (eż. LN, MAY, HADDY),

jew, jekk ma ġie assenjat l-ebda deżinjatur kodifikat, uża wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:

— Gradi biss (seba' karattri):

żewġ ċifri li jiddeskrivu l-latitudni fi gradi, segwiti minn 'N' (Tramuntana) jew 'S' (Nofsinhar), segwiti minn tliet ċifri li jiddeskrivu l-lonġitudni fi gradi, segwiti minn 'E' (Lvant) jew 'W' (Punent). Ikkoreġi l-għadd taċ-ċifri, meta meħtieġ, billi ddaħħal iż-żerijiet, eż. 46N078 W.

— Gradi u minuti (11-il karattru):

erba' ċifri li jiddeskrivu l-latitudni fi gradi u għexieren u unitajiet ta' minuti segwiti minn 'N' (Tramuntana) jew 'S' (Nofsinhar), segwiti minn ħames ċifri li jiddeskrivu l-lonġitudni fi gradi u għexieren u unitajiet ta' minuti, segwiti minn 'E' (Lvant) jew 'W' (Punent). Ikkoreġi l-għadd taċ-ċifri, meta meħtieġ, billi ddaħħal iż-żerijiet, eż. 4620N07805 W.

— Pożizzjoni u distanza minn punt ta' referenza:

L-identifikazzjoni tal-punt ta' referenza, segwit mill-pożizzjoni mill-punt fil-forma ta' tliet figuri li jagħtu l-gradi manjetiċi, segwiti mid-distanza mill-punt fil-forma ta' tliet figuri li jesprimu l-mili nawtiċi. F'żoni ta' latitudni għolja fejn jiġi ddeterminat mill-awtorità xierqa li r-referenza għal gradi manjetiċi mhijiex prattika, jistgħu jintużaw gradi veri. Ikkoreġi l-għadd taċ-ċifri, meta meħtieġ, billi ddaħħal iż-żerijiet — eż. punt manjetiku ta' 180° f'distanza ta' 40 NM minn VOR 'DUB' jenħtieġ li jiġi espress bħala DUB180040.

(3) Change of speed or level (maximum 21 characters)

Il-punt li fih huwa ppjanat li tinbeda bidla fil-veloċità (5 % TAS jew 0,01 Mach jew aktar) jew bidla fil-livell, espressa eżattament bħal fil-punt (2) hawn fuq, segwita minn linja dijagonali u kemm il-veloċità tal-cruising kif ukoll il-livell tal-cruising, espressi eżattament bħal fil-punti (a) u (b) hawn fuq, mingħajr spazju bejniethom, anki meta tinbidel biss waħda minn dawn il-kwantitajiet.

Eżempji: LN/N0284A045

MAY/N0305Fl80

HADDY/N0420F330

4602N07805 W/N0500F350

46N078 W/M082F330

DUB180040/N0350M0840

(4) Change of flight rules (maximum 3 characters)

Il-punt li fih hija ppjanata l-bidla fir-regoli tat-titjira, espressa eżattament bħal fil-punt (2) jew (3) hawn fuq kif jixraq, segwita minn spazju u waħda minn dawn l-abbrevjazzjonjiet li ġejjin:

VFR jekk minn IFR għal VFR

IFR jekk minn VFR għal IFR

Eżempji: LN VFR

LN/N0284A050 IFR

(5) Cruise climb (maximum 28 characters)

L-ittra C segwita minn linja djagonali; IMBAGĦAD il-punt li fih huwa ppjanat it-tlugħ kruċiera, espress eżattament bħal fil-punt (2) hawn fuq, segwit minn linja djagonali; IMBAGĦAD il-veloċità li għandha tinżamm matul it-tlugħ kruċiera, espressa eżattament bħal fil-punt (a) hawn fuq, segwita miż-żewġ livelli li jiddefinixxu s-saff li għandu jiġi okkupat waqt it-tlugħ kruċiera, kull livell espress eżattament bħal fil-punt (b) hawn fuq, jew il-livell li 'l fuq minnu huwa ppjanat it-tlugħ kruċiera segwit mill-ittri PLUS, mingħajr spazju bejniethom.

Eżempji: C/48N050 W/M082F290F350

C/48N050 W/M082F290PLUS

C/52N050 W/M220F580F620

Ajrudrom tad-destinazzjoni u l-ħin totali li jkun għadda (tmien karattri)

DAĦĦAL l-indikatur tal-lokament b'erba' ittri tal-ICAO tal-ajrudrom tad-destinazzjoni kif speċifikat fid-Dok 7910, Indikaturi tal-Lokament,

JEW, jekk ma jkun ġie assenjat l-ebda indikatur tal-lokament,

DAĦĦAL 'ZZZZ' u SPEĊIFIKA, fil-Punt 18 l-isem u l-post tal-ajrudrom, ippreċedut minn DEST/.

IMBAGĦAD MINGĦAJR SPAZJU

DAĦĦAL il-ħin totali stmat li għadda.

Ajrudrom alternattiv għad-destinazzjoni

DAĦĦAL l-indikatur(i) tal-lokament b'erba' ittri tal-ICAO ta' mhux aktar minn żewġ ajrudromi alternattivi għad-destinazzjoni, kif speċifikat fid-Dok 7910, Indikaturi tal-Lokament, mifrudin bi spazju,

JEW, jekk l-ebda indikatur tal-lokament ma jkun ġie assenjat għall-ajrudromi alternattivi għad-destinazzjoni,

DAĦĦAL 'ZZZZ' u SPEĊIFIKA, fil-Punt 18 l-isem u l-post tal-ajrudrom(i) alternattiv(i) għad-destinazzjoni, ippreċeduti minn ALTN/.

Is-singijiet jew il-linjiet dijagonali jenħtieġ li jintużaw biss kif preskritt hawn taħt.

DAĦĦAL **0** (żero) jekk ma hemmx aktar informazzjoni,

JEW, kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa fis-sekwenza murija hawn taħt, fil-forma tal-indikatur xieraq magħżul minn dawk definiti hawn taħt segwiti minn linja dijagonali u l-informazzjoni li għandha tiġi rreġistrata:

STS/ Raġuni għall-immaniġġjar speċjali mill-ATS, eż missjoni ta' tiftix u salvataġġ, kif ġej:

- **ALTRV**: għal titjira operata f'konformità mal-prenotazzjoni tal-altitudni;
- **ATFMX**: għal titjira approvata mill-awtorità kompetenti għal eżenzjoni mill-miżuri tal-ATFM;
- **FFR**: tifi tan-nar;
- **FLTCK**: kontroll tat-titjira biex tiġi kkalibrata l-għajnuna fin-navigazzjoni;
- **HAZMAT**: għal titjira li ġġorr materjal perikoluż;
- **HEAD**: titjira bi status ta' Kap ta' Stat;
- **HOSP**: għal titjira medika ddikjarata mill-awtoritajiet mediċi;
- **HUM**: għal titjira li qed topera f'missjoni umanitarja;

MARSA: għal titjira li għaliha entità militari tassumi r-responsabbiltà għas-separazzjoni tal-inġenji tal-ajru militari;

MEDEVAC: għal evakwazzjoni f'emerġenza medika u kritika għall-ħajja;

NONRVSM: għal titjira mhux kapaċi tal-RVSM li jkollha l-intenzjoni li topera fl-ispazju tal-ajru tal-RVSM;

SAR: għal titjira involuta f'missjoni ta' tiftix u salvataġġ; u

STATE: għal titjira li tinvolvi servizzi militari, doganali, jew tal-pulizija.

Raġunijiet oħra għall-immaniġġjar speċjali mill-ATS għandhom jiġu indikati taħt id-dežinjatur 'RMK/'.

PBN/ Indikazzjoni tal-kapaċitajiet ta' RNAV u/jew ta' RNP. Inkludi kemm jista' jkun mid-deskritturi ta' hawn taħt, skont kif japplikaw għat-titjira, sa massimu ta' tmien entrati, jiġifieri total ta' mhux aktar minn 16-il karattru.

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-RNAV

A1	RNAV 10 (RNP 10)	**C1**	RNAV 2 is-sensuri kollha permessi
		C2	RNAV 2 GNSS
B1	RNAV 5 is-sensuri kollha permessi	**C3**	RNAV 2 DME/DME
B2	RNAV 5 GNSS	**C4**	RNAV 2 DME/DME/IRU
B3	RNAV 5 DME/DME		
B4	RNAV 5 VOR/DME	**D1**	RNAV 1 is-sensuri kollha permessi
B5	RNAV 5 INS jew IRS	**D2**	RNAV 1 GNSS
B6	RNAV 5 LORANC	**D3**	RNAV 1 DME/DME
		D4	RNAV 1 DME/DME/IRU

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-RNP

L1	RNP 4	**S1**	RNP APCH
		S2	RNP APCH ma' BARO-VNAV
O1	RNP bażiku 1 is-sensuri kollha permessi		
O2	RNP bażiku 1 GNSS	**T1**	RNP AR APCH b'RF (jeħtieġ awtorizzazzjoni speċjali)
O3	RNP bażiku 1 DME/DME	**T2**	RNP AR APCH mingħajr RF (jeħtieġ awtorizzazzjoni speċjali)
O4	RNP bażiku 1 DME/DME/IRU		

Kombinamenti ta' karattri alfanumeriċi mhux indikati hawn fuq huma riżervati.

NAV/ *Data* sinifikanti relatata mat-tagħmir ta' navigazzjoni, għajr dik speċifikata fil-PBN/, kif meħtieġ mill-awtorità kompetenti.

Indika l-awmentazzjoni tal-GNSS taħt dan l-indikatur, bi spazju bejn żewġ metodi jew aktar ta' awmentazzjoni, eż. NAV/GBAS SBAS.

Indika l-EURPRNAV jekk l-inġenju tal-ajru P-RNAV approvat jiddependi biss fuq VOR/DME għad-determinazzjoni tal-pożizzjoni.

COM/ Indika t-tagħmir u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni mhux speċifikati fil-Punt 10 a).

DAT/ Indika t-tagħmir u l-kapaċitajiet tal-komunikazzjoni tad-*data* mhux speċifikati fil-Punt 10 a) jew 'CPDLCX' biex tindika eżenzjoni mogħtija mir-rekwiżit biex ikun mgħammar b'CPDLC-ATN-B1.

SUR/ Indika t-tagħmir u l-kapaċitajiet ta' sorveljanza mhux speċifikati fil-Punt 10 b). Indika kemm hemm speċifikazzjoni(jiet) RSP applikabbli għat-titjira, bl-użu ta' dežinjatur (i) mingħajr spazju. L-ispeċifikazzjonijiet multipli tal-RSP huma mifrudin bi spazju. Eżempju: RSP180 RSP400.

Daħħal EUADSBX, EUEHSX, EUELSX, jew kombinament tagħhom, biex tindika l-eżenzjonijiet mogħtija għar-rekwiżit għal tagħmir bi transponders SSR Mode S jew bi trażmettituri ADS-B.

DEP/ Isem u post tal-ajrudrom tat-tluq, jekk jiddaħħlu 'ZZZZ' fil-Punt 13, jew l-unità tal-ATS li permezz tagħha tista' tinkiseb id-*data* supplimentari tal-pjan tat-titjira, jekk jiddaħħal AFIL fil-Punt 13. Għall-ajrudromi mhux elenkati fil-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni Ajrunawtika rilevanti, indika l-post kif ġej:

B'erba' ċifri li jiddeskrivu l-latitudni fi gradi u għexieren u unitajiet ta' minuti segwiti minn 'N' (Tramuntana) jew 'S' (Nofsinhar), segwiti minn ħames ċifri li jiddeskrivu l-lonġitudni fi gradi u l-għexieren u l-unitajiet ta' minuti, segwiti minn 'E' (Lvant) jew 'W' (Punent). Ikkoreġi l-għadd taċ-ċifri, meta meħtieġ, billi ddaħħal iż-żerijiet, eż. 4620N07805 W (11-il karattru).

OR, Pożizzjoni u distanza mill-eqreb punt sinifikanti, kif ġej:

L-identifikazzjoni tal-punt sinifikanti segwita mill-pożizzjoni mill-punt fil-forma ta' tliet figuri li jagħtu l-gradi manjetiċi, segwita mid-distanza mill-punt fil-forma ta' tliet figuri li jesprimu NM. F'żoni ta' latitudni għolja fejn jiġi ddeterminat mill-awtorità xierqa li r-referenza għal gradi manjetiċi mhijiex prattika, jistgħu jintużaw gradi veri. Ikkoreġi l-għadd taċ-ċifri, meta meħtieġ, billi ddaħħal iż-żerijiet, eż. punt manjetiku ta' 180° f'distanza ta' 40 NM minn VOR 'DUB' jenħtieġ li jiġi espress bħala DUB180040.

JEW, L-ewwel punt tar-rotta (isem jew LAT/LONĠ) jew is-sinjal markatur tar-radju, jekk l-inġenju tal-ajru ma jkunx telaq minn ajrudrom.

DEST/ Isem u post tal-ajrudrom tad-destinazzjoni, jekk jiddaħħlu 'ZZZZ' fil-Punt 16. Għall-ajrudromi mhux elenkati fil-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni Ajrunawtika rilevanti, indika l-post f'LAT/LONĠ jew il-pożizzjoni u d-distanza mill-eqreb punt sinifikanti, kif deskritt fid-DEP/hawn fuq.

DOF/ Id-data tat-tluq tat-titjira f'format ta' sitt figuri (SSXXJJ, fejn SS huma ekwivalenti għas-sena, XX huma ekwivalenti għax-xahar, u JJ huma ekwivalenti għall-jum).

REG/ In-nazzjonalità jew il-marka komuni u l-marka ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru, jekk differenti mill-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru fil-Punt 7.

EET/ Dežinjaturi tal-punti sinifikanti jew tal-konfini tal-FIR u l-ħinijiet stmati li għaddew mill-qtugħ mill-art sa dawn il-punti jew il-konfini tal-FIR, meta jkun preskritt hekk abbażi ta' ftehimiet reġjonali tan-navigazzjoni bl-ajru, jew mill-awtorità kompetenti.

Eżempji: EET/CAP0745 XYZ0830

EET/EINN0204

SEL/ Kodiċi SELCAL, għall-inġenji tal-ajru mgħammra b'tali mod.

TYP/ Tip(i) ta' inġenji tal-ajru, preċeduti jekk ikun hemm bżonn mingħajr spazju bin-numru/i tal-inġenji tal-ajru u mifrudin bi spazju wieħed, jekk jiddaħħlu 'ZZZZ' fil-Punt 9.

Eżempju: TYP/2F15 5F5 3B2

CODE/ Indirizz tal-inġenju tal-ajru (espress fil-forma ta' kodiċi alfanumerika ta' sitt karattri eżadeċimali) meta jkun meħtieġ mill-awtorità kompetenti. Eżempju: 'F00001' huwa l-aktar indirizz fil-baxx tal-inġenju tal-ajru li jinsab fi blokka speċifika amministrata mill-ICAO.

DLE/ Dewmien jew stennija en-route, daħħal il-punt(i) sinifikanti tul ir-rotta meta jkun ippjanat li jsir id-dewmien, segwit mit-tul ta' dewmien billi tuża erba' ċifri li jindikaw is-sigħat u l-minuti (ssmm).

Eżempju: DLE/MDG0030

OPR/ Id-desinjatur ICAO jew l-isem l-operatur tal-inġenju tal-ajru, jekk differenti mill-identifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru fil-Punt 7.

ORGN/ L-indirizz tal-AFTN bi tmien ittri tal-oriġinatur jew dettalji ta' kuntatt xierqa oħra, f'każijiet meta l-oriġinatur tal-pjan tat-titjira ma jkunx jista' jiġi identifikat fil-pront, kif meħtieġ mill-awtorità kompetenti.

PER/ *Data* dwar il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru, indikata b'ittra waħda kif speċifikat mill-Proċeduri għas-Servizzi tan-Navigazzjoni tal-Ajru — Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru (PANS-OPS, Dok 8168), il-Volum I — Proċeduri tat-titjira, jekk ikun preskritt b'tali mod mill-awtorità kompetenti.

ALTN/ Isem l-ajrudrom(i) alternattiv(i) għad-destinazzjoni, jekk jiddaħħlu 'ZZZZ' fil-Punt 16. Għall-ajrudromi mhux elenkati fil-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni Ajrunawtika rilevanti, indika l-post f'LAT/LONĠ jew il-pożizzjoni u d-distanza mill-eqreb punt sinifikanti, kif deskritt fid-DEP/hawn fuq.

RALT/ indikatur b'erba' ittri tal-ICAO għal alternattiva/i fir-rotta, kif speċifikat fid-Dok 7910, Indikaturi tal-Lokament, jew l-isem/ismijiet tal-ajrudrom(i) alternattivi tul ir-rotta, jekk ma jiġi allokat l-ebda indikatur. Għall-ajrudromi mhux elenkati fil-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni Ajrunawtika rilevanti, indika l-post f'LAT/LONĠ jew il-pożizzjoni u d-distanza mill-eqreb punt sinifikanti, kif deskritt fid-DEP/hawn fuq.

TALT/ indikatur(i) b'erba' ittri tal-ICAO għal qtugħ mill-art alternattiv, kif speċifikat fid-Dok 7910, Indikaturi tal-Lokament, jew l-isem tal-ajrudrom alternattiv għall-qtugħ mill-art, jekk ma jiġi allokat l-ebda indikatur. Għall-ajrudromi mhux elenkati fil-Pubblikazzjoni tal-Informazzjoni Ajrunawtika rilevanti, indika l-post f'LAT/LONĠ jew il-pożizzjoni u d-distanza mill-eqreb punt sinifikanti, kif deskritt fid-DEP/hawn fuq.

RIF/ Id-dettalji tar-rotta għall-ajrudromi tad-destinazzjoni reveduti, segwiti mill-indikatur tal-lokament b'erba' ittri tal-ICAO tal-ajrudrom. Ir-rotta riveduta hija soġġetta għal awtorizzazzjoni mill-ġdid waqt it-titjira.

Eżempji: RIF/DTA HEC KLAX

RIF/ESP G94 CLA YPPH

RVR/ rekwiżit minimu tal-medda viżwali tar-runway għat-titjira, espress fi tliet figuri.

RFP/ indikazzjoni tan-numru tal-pjanijiet tat-titjira ta' sostituzzjoni sottomessi fil-format 'Q' segwita minn ċifra waħda li tindika l-iterazzjoni tas-sostituzzjoni.

Eżempji: RFP/Q2.

RMK/ Kwalunkwe rimarki oħra b'lingwaġġ sempliċi meħtieġa mill-awtorità kompetenti jew meqjusa neċessarji.

Reżistenza fit-tul

Wara E/ DAĦĦAL fi grupp ta' erba' ċifri l-awtonomija tal-fjuwil f'sigħat u minuti.

Persuna abbord

Wara P/ DAĦĦAL l-għadd totali ta' persuni (passiġġieri u ekwipaġġ) abbord, meta meħtieġ mill-awtorità kompetenti. DAĦĦAL TBN (li għandu jiġi nnotifikat) jekk l-għadd totali ta' persuni ma jkunx magħruf fil-mument tas-sottomissjoni.

It-tagħmir ta' emerġenza u ta' sopravivenza

R/	(RADJU) INGASSA U jekk l-UHF mhijiex disponibbli fil-frekwenza ta' 243,0 MHz. INGASSA V jekk il-VHF mhijiex disponibbli fil-frekwenza ta' 121,5 MHz. INGASSA E jekk it-trażmettitur lokalizzatur tal-emerġenza (ELT) mhuwiex disponibbli.
S/(TAGĦMIR TA' SOPRAVIVENZA)	INGASSA l-indikaturi kollha jekk it-tagħmir tas-sopravivenza ma jinġarrx. INGASSA P jekk it-tagħmir tas-sopravivenza polari ma jinġarrx. INGASSA D jekk it-tagħmir tas-sopravivenza fid-deżert ma jinġarrx. INGASSA M jekk it-tagħmir tas-sopravivenza marittima ma jinġarrx. INGASSA J jekk it-tagħmir tas-sopravivenza fil-ġungla ma jinġarrx.
J/(ĠKIEKET)	INGASSA l-indikaturi kollha jekk il-ġkieket tas-salvataġġ ma jinġarrux. INGASSA L jekk il-ġkieket tas-salvataġġ mhumiex mgħammra bid-dwal. INGASSA F jekk il-ġkieket tas-salvataġġ mhumiex mgħammra bil-fluworexxeina. INGASSA U jew V jew it-tnejn bħal f'R/hawn fuq biex tindika l-kapaċità tar-radju fil-ġkieket, jekk applikabbli.
D/(DINGIS) (NUMRU)	INGASSA l-indikaturi D u C jekk ma jinġarr l-ebda dingi; jew DAĦĦAL l-għadd ta' dingis li jinġarru; u (KAPAĊITÀ) - DAĦĦAL il-kapaċità totali, f'persuni, tad-dingis kollha li jinġarru, u (KOPERTURA) - INGASSA l-indikatur C jekk id-dingis mhumiex koperti; u (KULUR) - DAĦĦAL il-kulur tad-dingis jekk jinġarru.
A/(KULUR U MARKI TAL-INĠENJU TAL-AJRU)	DAĦĦAL il-kulur tal-inġenju tal-ajru u l-marki sinifikanti.
N/(RIMARKI)	INGASSA l-indikatur N jekk ma jkunx hemm rimarki, jew INDIKA kwalunkwe tagħmir ieħor ta' sopravivenza li jinġarr u kwalunkwe rimarki oħra dwar it-tagħmir ta' sopravivenza.
C/(BDOT)	DAĦĦAL l-isem tal-bdot fil-kmand.

2.3 Ippreżentata minn

DAĦĦAL isem l-unità, l-aġenzija jew il-persuna li qed iddaħħal il-pjan tat-titjira."